# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 402/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Vincent Cassar**

Illum, 4 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Vincent Cassar detentur tal-karta ta' l-identita' numru 467038M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-21 t'April 2013 għal ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija (20:50hrs) ġewwa telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, b'vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBC238, involontarjament ikkaġunat ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Formosa minn Raħal Ġdid hekk kif iċċertifika Dr.R.Cassar c/o A&E tal-isptar Mater Dei bi ksur tal-artikoli 225 u 226(1)(a) u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u negliġenti bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l- wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ihallas multa ta' elf ewro (€1000).

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl ta' dakinhar.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1476.54 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati fl-inkjesta magisterjali. Il-hati inghata zmien sentejn biex ihallas tali ammont. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Vincent Cassar minnu pprezentat fid-19 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha illi, filwaqt illi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tillibera lill-appellant mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-appellanti qatt ma missu nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan jirriżulta ċar mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti stess. Illi mill-ġurisprudenza kwotata ampjament mill-Ewwel Onorabbli Qorti, jidher ċar illi, kieku kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti tapplika dik il-ġurisprudenza għall-fatti in diżami, tinduna illi, tabilħaqq, jissussistu l-elementi kollha neċessarji illi permezz tagħhom, l-appellanti kellu jigi liberat mill-akkużi kontra tiegħu.

8. Illi, qabel xejn, l-appellant sejjer jagħmel rassenja tal-punti kollha illi ħarġu mill-ġurisprudenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti.

9. Mis-sentenza *Il-Pulizija vs Ludwig Micallef*[1], per ezempju, jirriżulta ċar illi fil-materja tal-kolpuż, bħal każ in diżami, hemm neċessarjament l-element t' attivita' diretta għal xi fini partikolari, li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjoni jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew impreġudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilita' tal-event dannuż li kondotta illegali ta' xi ħadd tista' ġġib. L-Ewwel Onorabbli Qorti tagħlaq iċ-ċitazzjoni tagħha ta' din is-sentenza billi tiċċita s-segwenti silta: *bħala konklużjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminoloġija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element tagħha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilita' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kenux prevedibbli, ħlief b'diliġenza stroardinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija (vide il-Pulizija vs John Vella deċiża nhar il-15 ta' Diċembru, 1958) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali*[2].

10. L-Ewwel Onorabbli Qorti għoġobha wkoll tikkwota minn sentenza oħra, sentenza ormaj ċelebri, illi tagħmel id-distinzjoni bejn sewqan traskurat, sewqan bla kont u sewqan perikoluż[3]. Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti tikkwota wkoll silta fir-rigward ta' dak illi jirrigwarda il-provi indizzjarji[4] u l-istess Onorabbli Qorti tgħid illi: il-*provi indizzjarji, ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi darba jistgħu anke jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari....S' intendi, bħala kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konklużjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilita' kriminali tal-imputat jew akkużat*".

11. Is-silta tal-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tad-dmirijiet tal-*pedestrian*,

---

[1] Paġna 3 tas-sentenza appellata

[2] Paġna 5 tas-sentenza appellata

[3] Paġna 6 tas-sentenza appellata

[4] Paġna 7 tas-sentenza appellata

tirrigwarda d-diliġenza kemm tas-sewwieq pero' anke d-diliġenza tal-*pedestrian*. L-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt tikkwota s-silta illi tgħid:- *il-każ li fih driver jista' jkun eżentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat u subitaneo jew xort' oħra b'xi għemil tiegħu ikun qiegħed lid-driver f' pożizzjoni li anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*

12. L-Ewwel Onorabbli Qorti tikkwota wkoll minn sentenzi oħrajn fejn intqal:- *Huwa veru li anke l-pedestrian għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ illi jirriżulta li l-kawża unika u determinant ital-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li ġie milqut u ma tistax tiġi invokata mid-driver l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tirrikorri l-kolpa tal-awtista lit kun impedietu milli jevita l-konsegwenti tal-emerġenza*[5]*."*

13. Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkwotat sentenzi oħrajn fejn semmew ir-*reasonable care* illi jeħtieġ juri sewwieq waqt illi jkun qiegħed isuq. Fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi: *għalkemm il-pedestrian għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament, għandu ukoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam." "Jekk il-pedestrian ikun negliġenti pero', dan ma jassovlix lid-driver tal-car milli juża dak il-grad ta' "reasonable care" li tinħtieġ. Dana kollu jingħad dejjem sakem ma tkunx ġiet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva*[6]*"*

14. L-ewwel Onorabbli Qorti ikkwotat ukoll eżempju fejn sitwazzjonijiet ta' l-emerġenza subitanea tavvera ruħha. ***<u>Meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konduċent…meta jitfaċċja għall-għarrieda u inaspettatament quddiem il-</u>***

---

[5] Paġna 8 it-tielet paragrafu tas-sentenza appellata.

[6] Paġna 8 ir-raba' paragrafu tas-sentenza appellata.

***karozza*[7]*.***

15. A skans ta' tul żejjed, l-appellanti jixtieq jagħmel referenza għal diversi frażijiet illi l-Ewwel Onorabbli Qorti siltet minn sentenzi oħrajn:-

"(i) *Hu dover ta' driver to see what is in plain view*[8]*."*

*(ii) Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead…from side to side.*

*(iii) Anke jekk pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam, dan ma jeżonerax lis-sewwieq mill-obbligi tiegħu,…ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklusivament għal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-każ.*

*(iv) Fi kliem ieħor,* contributory negligence, *ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru*[9]*.*

*16.* L-Ewwel Onorabbli Qorti mbagħad tgħaddi sabiex tiddeskrivi l-obbligi kollha tal-pedestrian kif elenkati dettaljatament fil-*Highway Code.* Interessanti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tissottolineja is-segwenti sentenza: *ibqa' ħares u issemma' għat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-każ li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-każ li jitfaċċja xi traffiku għall-għarrieda. (sottolinjar tal-Qorti)*[10]*.*

17. L-appellanti ikkwota dawn is-siltiet kollha sabiex juri lil din l-Onorabbli Qorti illi dawn is-sentenzi stess jagħtu saħħa lit-teżi tal-istess imputat appellanti u, ċioe', illi huwa m'għandux jinstab ħati tal-akkużi kollha miġjubin kontra tiegħu.

---

[7] *Ibid.*

[8] Paġna 9 fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar tas-sentenza appellata

[9] *Ibid – u tkompli f' paġna 10 tas-sentenza appellate.*

[10] Paġna 10 tas-sentenza appellata.

18. L-ewwel sentenzi tal-paġna 11 tas-sentenza appellata, illi fuqha, wieħed jista' jgħid, ġiet imsejsa s-sentenza *de quo,* tgħid is-segwenti:- *Mill-provi prodotti din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-parti leża Alfred Formosa hija aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-imputat u dan billi hija korroborata u sorretta mill-provi mressqa. L-imputat jixhed u kien hemm insistenza dwar dan il-punt li Alfred Formosa qasam min-naħa tal-ħajt tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u mhux vice versa. Id-difiża issostni dan forsi billi fir-relazzjoni tal-espert Vincent Ciliberti f' punt numru tnax tar-riżultanzi tiegħu, ikonstata li Alfred Formosa, ntlaqat aktar viċin fuq in-naħa tar-riħ tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin"*[11]. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tkompli tgħid, fil-paġna numru 11 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet għalfejn jidhrilHa illi Alfred Formosa xehed is-sewwa u insistiet fir-rigward tal-fatt illi Alfred Formosa qasam min-naħa ta' ħanut tal-pastizzi u mhux min-naħa tar-riħ tal-ħabs. Illi jidher bl-aktar mod manifest illi hawnhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet sgwidata mix-xhieda tal-istess abbli Vincent Ciliberti.

19. Meta l-abbli perit tekniku Vincent Ciliberti kien qiegħed jixhed in kontroeżami fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2016, l-istess Vincent Ciliberti semma d-direzzjoni tal-ħabs fir-rigward ta' jekk l-istess parti leża ġietx milquta fuq iz-zebra crossing, jew lil hinn minnha, lejn id-direzzjoni tal-ħabs. Ħafna persuni jqisu illi l-ħabs qiegħed aktar 'il fuq, u ċioe' minn fejn effettivament wieħed jista' jidħol għall-ħabs. Dik il-frażi illi jagħmel l-istess Ciliberti tirriżulta ċar illi qegħda tirreferi għad-direzzjoni tal-vettura u mhux id-direzzjoni illi fiha l-parti leza kienet miexja.

20. L-Ewwel Onorabbli Qorti issemmi wkoll illi l-"*imputat jixhed u kien hemm insistenza dwar dan il-punt li Alfred Formosa qasam min-naħa tal-ħajt tal-Faċilita' Korretiva ta' KOrdina u mhux viċe versa*[12]". Illi m'huwiex minnu ili kien hemm

[11] Paġna 11 tas-sentenza appellata.

[12] Paġna 11 l-ewwel paragrafu tas-sentenza appellata.

insistenza mill-imputat fil-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-istess Alfred Formosa qasam min-naħa tar-riħ tal-ħabs. Illi, fil-waqt illi fl-istatement illi ta l-imputat eżatt wara l-inċident, huwa għamel referenza għall-fatt illi kien hemm raġel (illi inzerta kien fuq il-post) u qallu illi ra lill-parti leża taqsam min-naħa tal-ħabs, fix-xhieda illi l-istess imputat ta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-imputat qal **biss:** **"***Sadanittant fegg ragel minn fuq il-bankina n-naha tal-left li tiela` n-naha tal-Ghassa u indikkali li qalli l-persuna qasmet minn wara din il-karozza.*". Dana jfisser illi minn traskrizzjoni ta' xhieda ta' ħames faċċati illi ta l-istess imputat, appellant odjern, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-istess imputat, appellant odjern, uża **biss** tliet linji **sabiex jixhed dwar x' qallu xhud tal-akkadut.** M'huwiex minnu illi kien hemm xi insistenza dwar minn fejn qasam l-istess parti leża.

21. Illi, fil-verita', hija pjuttost irrilevanti jekk Alfred Formosa qasamx min-naħa jew oħra fit-triq għaliex il-fatt jibqa' illi, kif jirriżulta ampjament ċar mill-provi, l-istess Alfred Formosa qasam lil hinn mit-traffic lights. Huwa alkwantu mijopiku mill-Ewwel Onorabbli Qorti illi tinsisti fuq dan il-punt meta irriżulta ampjament ċar, mid-domandi illi għamlet hija stess del resto lill-abbli espert tekniku Zammit, illi Alfred Formosa ma ntlaqatx fuq iz-zebra crossing. Mil-liema naha tat-triq kien qieghed jaqsam, fil-verita', ma ghandha l-ebda rilevanza meta jitqies illi ma kienx qieghed jaqsam fuq iz-zebra crossing.

22. Illi kwindi, anke dak illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid fir-rigward tal-borża tal-pastizzi, per eżempju, u fejn kienet qegħda mal-art huwa pjuttost irrilevanti għall-jekk l-imputat, appellant odjern, huwiex ħati o meno tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dana għaliex il-punt kruċjali kien jekk, tabilħaqq, hemmx l-estremi rikjesti mil-Liġi sabiex tinsab ħtija u sabiex jirriżulta jekk in-negliġenza kontributorja illi ġiet adoperata mill-parti leża teżonerax jew le lill-appellant mir-responsabilita' kriminali. Dak huwa l-punt kardinu f' dawn il-proceduri.

23. Illi, fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti teżamina dan il-punt kruċjali fit-teżi tad-difiża, u cioe' tezamina jekk il-parti leza qasmitx minn fuq iz-zebra crossing jew le. L-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi l-istess parti leza qasmet minn fuq iz-zebra crossing. Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, mill-provi prodotti jirriżulta assolutament il-kontra.

24. Illi mill-kontroeżami tal-espert tekniku is-Sur Joseph Zammit, illi huwa ta' fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016, l-**istess Joseph Zammit xehed illi l-inċident seħħ hekk kif taqbeż iz-zebra crossing.** Anzi, kien proprju fuq domanda ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-istess abbli espert Zammit xehed is-segwenti: (verbatim):-

> **Qorti:** Mela jigifieri mela ghandek iz-zebra crossing hux hekk? Jigifieri oltre z-zebra crossing gara.
>
> **Xhud**: Kif taqbizha.
>
> **Qorti**: Kif taqbizha ezatt.
>
> **Xhud**: Ehe. U fuq in-naha tax-xellug, fuq in-naha tax-xellug taghha waqt li tiela` mir-roundabout maghrufa bhala ta' Sare` sejjer lejn id-direzzjoni tal-Habs[13].

25. Din is-silta weħidha turi kemm il-verżjoni tal-parti leża m'hija verosimili xejn. Il-parti leża xehdet illi hija kienet qegħda taqsam minn fuq it-traffic lights, penġiet l-aġir tagħha bħalli kieku kien kompletament in osservanza tal-*highway code* u tal-ġurisprudenza kollha illi tirrigwarda l-pedestrian. Madankollu, jirriżulta ċar mill-provi illi dan ma jistax ikun, bl-ebda mod.

[13] Paġna 5 tax-xhieda illi ta'

26. **<u>Ix-xhieda u r-relazzjoni mogħtija mill-espert tekniku Zammit tikkombaċja perfettament ma' dak illi xehed dwaru l-imputat.</u>**

27. L-imputat, appellant odjern, xehed bl-aktar mod ċar x' ġara. L-imputat, appellant odjern, xehed is-segwenti:-

> ***Kif qbizt il-lights b'xi metri rajt ombra b'heffa kbira quddiem il-bonnet, waqqaft il-karozza jbrekjajt jigifieri u smajt hoss***[14]*.*

28. Għandu jingħad ukoll illi din il-verżjoni mogħtija mill-imputat, appellant odjern, ma kenitx xi invenzjoni illi ġiet minsuġa mal-medda taż-żmien. Fil-fatt, il-verżjoni tal-fatti illi ta l-imputat, appellant odjern, lill-espert imqabbad mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, l-appellanti kienet tgħid is-segwenti:-

> *Naf illi kien hemm zebra crossing, u fuq iz-zebra crossing kien hemm it-traffic lights. Ċert illi xħin għaddejt iz-zebra crossing, id-dawl kien aħdar. Ngħid illi meta kont diġa qbiżt iż-żebra crossing, naf li deherli li rajt ombra fuq quddiem tal-vettura u ċioe' smajt ħoss mal-body tal-vettura….*

*29.* Din il-verżjoni illi l-imputat ta eżattament wara l-inċident kif ukoll erba' snin wara waqt illi kien qiegħed jixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet sopportata bis-sħiħ mill-konstatazzjonijiet tekniċi illi għamel l-abbli espert tekniku. L-abbli espert tekniku Zammit, fil-fatt, spjega wkoll illi il-bidu tal-brake marks kienu eżattament kif taqbeż it-traffic lights. Fil-fatt, fl-istess xhieda illi ta l-istess Joseph Zammit, dejjem fis-seduta tas-14 ta' Novembru, 2016, fuq domandi in eżami, l-istess Joseph Zammit spjega s-segwenti:

<u>Xhud: Niftakar illi l-incident gara hekk kif taqbez iz-zebra crossing li hemm</u>

---

[14] Xhieda tal-imputat, paġna 1, seduta tat-3 ta' April, 2017

qed tifhem.

Pros: Sewwa.

Xhud: Brake marks kienu kif taqbez u hemm kienu jigifieri mal-brakes kif jispicca l-brakes kien hemm bhal tixrib tat-tkissir tal-karozza tal-parti mkissra[15].

**30.** Illi fi kliem ieħor, l-istess espert tekniku, bl-ebda xaqq ta' dubju, xehed, bl-aktar mod ċar u lampanti, illi l-inċident seħħ **wara t-traffic lights u mhux fuq it-traffic lights kif stqarret il-parti leża.**

**31.** **Illi kwindi, din il-parti tal-verżjoni tal-parti leża hija assolutament invertiera u inverosimili u, fuq kollox, m'hiex sopportata mill-provi prodotti u mill-konstatazzjonijiet tekniċi.**

**32.** Illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti qjieset il-verżjoni tal-abbli espert tekniku Joseph Zammit fir-redazzjoni tas-sentenza tagħHa u waslet għall-konklużjoni illi ma kienx hemm dubju illi Alfred Formosa kien qiegħed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing, meta d-dwal kienu ħodor għalih. L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal din il-konklużjoni biss fuq dak li qal l-istess Alfred Formosa biss. Hadd u l-ebda prova ma ikkoroboraw din il-verzjoni tal-fatti.

**33.** Illi dak illi xehed Joseph Zammit, pero', l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma ħaditux in konsiderazzjoni kif missha ħaditu. Joseph Zammit xehed illi l-inċident ġara hekk kif taqbeż iz-zebra crossing[16] u illi l-brake mark kien jibda appuntu wara tali zebra crossing. Meta din il-konstatazzjoni teknika tiġi magħduda ma' dak illi xehed l-appellant, f' dan ir-rigward, jirriżulta ċar illi Alfred Formosa ma setax kien qiegħed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing. Dan qiegħed jingħad għax l-

[15] Paġna 1-2 tax-xhieda tas-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016.

[16] Seduta tal-14 ta' Novembru, 2016.

istess imputat xehed, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi hekk kif sema' l-ħoss huwa għafas il-brakes. Dana **bilfors ifisser illi l-impatt sar wara z-zebra crossing. Ma jista' jfisser xejn iżjed u dana wassal lill-espert tekniku biex jikkonkludi u jikkonstata illi l-inċident seħħ wara z-zebra crossing.**

**34.** Illi, minn dan jidher ċar illi kwindi l-verżjoni tal-appellanti, ġja' imputat, hija l-aktar waħda verosimili – u hija korroborata u sopportata bil-konstatazzjonijiet illi għamel l-abbli espert tekniku Joseph Zammit, in vista wkoll tal-fatt illi mit-testijiet illi għamel l-istess Joseph Zammit, irriżulta bl-aktar mod manifest illi l-vettura kienet waħda tajba, funzjonanti u illi ma kellhiex problemi mekkaniċi. Dana kwindi ifisser illi l-istess imputat, appellant odjern, laqat lill-parti leża **biss wara illi qabez iż-żebra lines u dana jfisser biss illi meta l-istess parti leża intlaqtet ma kenitx fuq iz-zebra crossing.**

**35.** Illi, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, kwalunkwe konklużjoni diversa minn din hija erroneja, inverosimili, illoġika. M'hemmx deskrizzjoni oħra illi tista' tiġi adoperata fiċ-ċirkostanzi u l-gurisprudenza kwotata minnHa stess, twassal ghall-konkluzjoni diversa minn dik illi waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**36.** Illi, jekk jigu traccati l-fatti, jirrizulta car illi l-fatti tal-kaz in dizami jirrinkwadraw ruhhom perfettament fid-deskrizzjoni ta' emergenza subitanea illi ikkawzat l-incident stante illi l-investiment kien biss ir-rizultat ta' komportament imprudenti tal-pedestrian. Fil-fatt, mill-fatti pruvati jirrizulta s-segwenti:-

a. l-appellant kien qiegħed miexi b'veloċita' ta', massimu, erbgħin (40) kilometru fis-siegħa (minkejja illi huwa jinsisti illi ma kienx aktar minn tnejn u tletin kilometru fis-siegħa (32km/h);

b. kien qiegħed isuq mir-roundabout ta' Sare' f' Raħal Ġdid lejn id-direzzjoni tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

c. kif kien qiegħed iqarreb it-traffic lights, huwa ħares sabiex jara hemmx xi ħadd[17] u ma ra li kien hemm ħadd jistenna fuq it-traffic lights.

d. Kif pero' qabeż it-traffic lights, ra ombra inaspettament u ghall-gharrieda u sema' ħoss. F' daqqa, inaspettatament, u immedjatament għafas il-brakes u waqaf.

Din hija l-verżjoni l-aktar verosimili. Din hija l-verżjoni anke supportata mill-provi kollha prodotti u mix-xhieda tal-esperti relattivi.

37. Dan l-akkadut irid jiġi wkoll analizzat fil-qafas tas-sitwazzjoni ta' meta seħħ l-inċident. Kien filgħaxija, irriżulta ċar illi t-traffic lights kienu qegħdin jaħdmu iżda la kienet tidher iz-zebra crossing (għax kienet imqaxxra) u lanqas kien hemm id-dwal tat-triq mal-ġenb tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mixgħulin. Fi kliem ieħor, kien hemm dawl baxx fit-triq. Kwindi, hekk kif l-imputat, appellant odjern, kien qiegħed isuq lejn id-direzzjoni tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, minkejja illi, kif xehed huwa stess kien iċċekkja kienx hemm nies fuq iz-zebra crossing (pelican crossing, biex wieħed ikun preċiż), u fil-fatt ma kien hemm ħadd, kif qabeż il-pelican crossing, huwa sab ghall-gharrieda lill-parti leza illi, bla dubju ta' xejn, kienet qasmet bl-addocc wara illi kienet xtrat il-pastizzi. Dak illi m'hemmx dubju illi gara kien illi l-parti leza qabdet u qasmet meta xtrat il-pastizzi minghajr ma tat kont ta jekk kienx gej traffiku jew le, ovvjament bi vjolazzjoni cara u sfaqa tal-obbligi illi il-*highway code* jimponi fuq il-pedestrians. Kieku l-istess parti leza tat kont ta' dak illi jghid il-*highway code* lill-pedestrians kienet, qabel xejn, taghfas il-buttuna tal-pelican crossing u kienet taqsam bid-dawl ahmar ghall-vetturi u t-traffiku mhux taqbad u taqsam bl-addocc, minghajr

[17] Kif xehed huwa stess fix-xhieda illi ta in rieżami quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti

ma taghti kaz x'inhuwa gej bhala traffiku u tohloq hekk emergenza subitenea ghas-sewwieq.

38. Mela allura, f' dawn iċ-ċirkostanzi, kif setgħet l-Ewwel Onorabbli Qorti tikkonkludi illi l-appellanti ma żammx "*a proper lookout*"? Minn fejn jirriżulta dan? Dan ma jirriżulta minn imkien. L-appellant seta' dam ihares kemm ried izda jekk il-parti parti qabdet u qasmet, ma jistax jigi pretiz illi l-appellant kien jarah f' daqqa. Ovvjament, il-gurisprudenza fuq il-holqien ta' emergenza subitanea trid ukoll illi, jekk l-emergenza tkun ghall gharrieda, f' daqqa, mhux mistennija, allura din ghandha tezenta lill-imputat mir-responsabilita'. F' dan il-kaz, jista' jinghad illi din l-emergenza subitanea ma kenitx immedjata, ghall-gharrieda? Jekk sewwieq ikun qed isuq bi prudenza, b'ghajnejh fuq it-triq, wara illi jkun ivverifika illi fuq iz-zebra crossing m'hemm hadd u xejn, u ikun ukoll pelican lights, l-istess sewwieq, wara l-verifiki kollha illi jkun ghamel fi ftit minuti, jekk mhux sekondi, ma jistax jipprevedi illi xi hadd, fid-dlam, ser jaqbad u jaqsam bl-addocc. Ovvjament, l-istess sewwieq irid izomm proper lookout izda l-pedestrian ghandu l-obbligi tieghu ukoll. Tabilhaqq, jirriżulta bl-aktar mod lampanti illi l-parti leża, in kwantu pedestrian la kienet prudenti, la issemmgħet sabiex tara jekk kienx ġej xi traffiku, la uża l-faċilita' ta' pedestrian crossing. M'għamel xejn minn dan kollu. Il-parti leża qabad u qasam. Ma ħares lejn xejn, ma qagħad attent xejn. Il-*proper lookout* tal-imputat ma kenitx issalva lill-parti leża mill-inċident ghax l-incident sehh biss ghax il-parti leza kienet traskurata u negligenti u holqot ghalhekk emergenza subitanea irrezistibbli u invincibbli fil-konducent appellant odjern. Kif seta' is-sewwieq appellant odjern jevita lill-parti leza illi tant giet b'heffa u traskuragni, mid-dlam, ghal fuq il-bonnet tal-karozza illi, l-istess imputat xehed kemm-il darba illi giet "b'heffa qisha bhal ombra". Il-kliem tal-imputat huwa car. Il-kliem tal-appellant juri kif il-parti leza giet ghal gharried ghal fuqu. Giet minghajr ebda preavviz, u minghajr ebda mod ragjonevoli kif setghet tigi evitata mis-sewwieq.

39. Illi, tabilħaqq, **din** hija l-emerġenza subitenea ġiet deskritta, fis-sentenzi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, bħala (per ezempju) "*jew li jitfaċċja għall-għarrieda u inaspettatament quddiem il-karozza*". Dan kien eżattament il-każ in diżami. Il-kliem tal-imputat qatt ma nbidel. Tant kemm il-parti leża qasmet b'mod traskurat u tfaċċa għall-għarrieda quddiem il-karozza tal-imputat, illi l-imputat ma seta' jagħmel xejn biex jevitah. **Dan huwa il-punt kollu.** Il-kliem, il-lingwaġġ użat mill-imputat, appellant odjern, juri bl-aktar mod ċar illi din kienet biss emerġenza subitanea ikkawżata mill-parti leża innifisha u mhux minn xi nuqqas tal-imputat u l-imputat ma setgha ragjonevolment ma jaghmel xejn biex jevitah – proper lookout, prudenza, sewqan bil-mod hafna. Ma kienx jevita xejn. Anzi, il-fatt illi l-feriti tal-parti leza kienu li kienu (kif anke xehed l-abbli Dottor Mario Scerri) juru illi s-sewwieq appellant odjern kien qieghed isuq bi prudenza liema bhalha ghax, dejjem kif xehed l-abbli Dottor Mario Scerri, il-feriti, minkejja illi jidhru serji, setghu kienu hafna u hafna aghar u huwa normali, f' dan it-tip ta' incidenti, fejn presuna tkun qeghda ssuq bi prudenza u b'velocita' tajba, ikun hemm dawn it-tip ta' feriti. Kwindi, ma deherx, per ezempju, illi l-istess parti leza tkaxkret ma' l-art, jew tghaffget. "L-unika feriti" (sabiex wiehed jghid hekk) illi sofra l-imputat kienu biss rizultat ta' daqqa u xejn izjed. Jigifieri dan juri illi anke fl-incident stess, l-istess appellant kien attent ghax hekk kif inqalghet l-emergenza subitanea, huwa waqqaf il-vettura. Kieku ma kienx attent, kieku kien traskurat ma kienx iwaqqafha daqshekk malajr.

40. Illi lanqas inġiebet xi prova kontra l-appellant illi ma kienx qiegħed iżomm a proper lookout. Anzi, l-istess imputat xehed illi huwa ħares lejn il-lights, rahom illi kienu ħodor, ra li fuq iz-zebra crossing ma kien hemm ħadd u baqa' jsuq[18]. Ċertament, il-proper lookout zammu l-imputat. Issa jekk il-parti leża deherlu illi kellu jaqbad u jaqsam bl-addoc minghajr ma jagħti kaz ta' xejn, jaqsam għall-

---

[18] Xhieda ta' Vincent Cassar, 3 ta' April, 2017

għarrieda, dan l-aġir m'għandux ibati għalih l-imputat, appellant odjern.

41. Illi, f' dan is-sens, l-appellant jagħmel referenza wkoll għall-fatt illi din l-Onorabbli Qorti qalet (fis-sentenza kwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-paġni 12-13 tas-sentenza appellata) illi l-appellant ma kienx qiegħed jara dak illi kien *in plain view.* Illi, bir-rispett kollu, huwa ċar daqs il-kristall illi l-parti leza ma kenitx *in plain view.* Kieku kienet *in plain view* l-appellant kien jaraha meta huwa stess ivverifika kienx hemm nies, per eżempju, qegħdin jistennew biex jaqsmu. Lanqas setgha kien ikun in plain view il-parti leza ghax fid-dlam, persuna taf ma tidhirx. Jigifieri anke f' din is-sens, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tbati minn logicita' meta paragonata mal-provi prodotti quddiemHa.

42. Illi, fiċ-ċirkostanzi, kwindi, jirriżulta ċar illi l-imputat appellant odjern iċċekkja sabiex jara jekk il-kulur tal-lights kienx aħdar u sabiex jara kienx hemm persuni illi qegħdin jistennew sabiex jaqsmu minn fuq iż-żebra lines. Meta ra illi ma kien hemm ħadd, hija ben pależi, illi dak illi wieħed jippretendi ordinarjament, anke b'diliġenza ta' missier ta' familja, huwa appuntu illi jibqa' jsuq, b'veloċita' entro l-limitu massimu ta' veloċita'. X' iżjed tistenna l-Liġi u l-qrati tagħna mill-appellant?

43. Illi, umilment, l-appellant ma jistax ma jagħmilx referenza għas-silta minn sentenza ili għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn qalet:- *il-każ li fih driver jista' jkun eżentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat u subitaneo jew xort' oħra b'xi għemil tiegħu ikun qiegħed lid-driver f' pożizzjoni li anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment.* Din kienet il-pozizzjoni illi fiha l-istess parti leza poggiet lill-imputat u dana ghaliex l-istess imputat ma seta' jaghmel xejn, fic-cirkostanzi, biex jevita bniedem illi, bl-addoc, u minghajr ebda kont, qabad u qasam. Kien propjru l-ghemil tal-parti leza illi poggiet lill-imputat f' din is-sitwazzjoni.

44. Huwa proprju ghalhekk illi, l-appellant, jisħaq illi huwa ma missux ġie misjub

ħati. Kif seta' jinstab ħati jekk huwa iddetermina jekk id-dwal kenux ħodor, jekk kienx hemm nies fuq il-pelican crossing u ra li ma kien hemm ħadd, f'livell ta' dawl baxx ħafna fit-triq u illuminazzjoni fqira għall-aħħar. M'hemmx dubju illi l-pedestrian kien irresponsabbli b'tali mod illi kien l-agir tieghu illi ikkaguna l-incident. Is-sewwieq inzerta qieghed hemm f'mument hazin. Kien sfortunat ghax kellu jigi rinfaccjat b'persuna irresponsabbli illi, bl-agir taghha, irrendiet lis-sewwieq imputat, appellant odjern, vittma ta' cirkostanzi illi waqghu fuqu inaspettament. IL-vittma, f' dan il-kaz, huwa l-appellant u mhux il-parti leza. Il-parti leza qeghda biss, sfortunatament, issofri il-konsegwenzi tal-ghemil traskurat taghha. It-traskuragni tidher hafna aktar lampanti għaliex la kien hemm *pelican lights,* huwa missu uzahom. Dan m'għamlux. Jgħid x' igħid l-parti leza, dan m'għamlux. Mhux biss iżda mill-provi prodotti jirriżulta ċar illi l-inċident **lanqas biss seħħ fuq il-pelican crossing iżda wara l-pelican crossing u dan juri kemm l-istess parti leza lanqas biss stenniet illi tasal saz-zebra lines, ahseb u ara kemm ghafset il-buttuna u stenniet id-dawl ahdar!** Dana jfisser illi l-appellant, wara illi ċċekkja id-dwal, kienx hemm persuni, u setax ikompli jsuq, l-Ewwel Onorabbli Qorti ippretendietu illi huwa jibqa' jistenna jara jekk jaqsamx xi ħadd minn biswit (u mhux minnfuq) pelican crossing (illi min-natura tieghu ipoggi responsabilita' oghla fuq il-pedestrian, jiġi umilment rilevat, jekk dana jinjorah u jaqbad u jaqsam bl-addocc), fi dlam kwazi cappa u mingħajr ebda preavviż.

45. Illi, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, dak illi l-istess Onorabbli Qorti stenniet mill-appellant kien id-don tal-kjaroveġġenza u mhux ta' *proper lookout.* L-ebda sewwieq m'għandu jitqiegħed f' pożizzjoni illi jibża' jsuq. Hemm differenza bejn dak illi jissejjaħ proper lookout u diliġenza u l-obbligu fuq is-sewwieq illi jipprevedi kwalunkwe ħaġa illi tista' tiġri, anke inaspettatament. Il-Ligi u r-rispett lejn ir-Regolamenti tat-Traffiku ghandhom jorbtu lill-kulhadd mhux lis-sewwieqa biss. Tabilhaqq, is-sewwieqa ghandhom ikunu aktar kontrollati ghax ghandhom aktar poter fit-triq u kwindi jistghu jikkagunaw imwiet u korrimenti serji. Pero',

xorta wahda, dan ma jezentax mill-pedestrian l-obbligu illi jimxi mar-regolamenti ghax inkella ikollna anarkija mill-pedestrians b'riskju kbir ghall-kull min ikun qieghed fit-toroq, anke pedestrians innocenti ohrajn ghax sabiex forsi jigi evitat pedestrian illi jkun qasam bl-addocc jintlaqat iehor. Inoltre,  bis-sentenza tagħHa, l-Ewwel Qorti poġġiet fuq is-sewwieq imputat appellant odjern responsabilita' sovraumana, responsabilita' illi hija divina, responsabilita' illi, bit-testijiet normali ta' ordinarjeta' u aspettativi ordinarji ta' diliġenza, kulħadd ifalli. Ċertament, dan m'huwiex l-iskop tal-leġislatur jew, tabilħaqq, tal-Liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed l-**Ispettur Jurgen Vella** fejn spjega li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal ħabta tad-disgħa nieqes għaxra ta' filgħaxija (8:50pm) il-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid fejn huwa kien stazzjonat ġiet infurmata li seħħ inċident stradali ġewwa Telgħet Raħal Ġdid ġewwa Raħal Ġdid fejn pedestrian allegatament kien sefa' mtajjar waqt li kien qiegħed jaqsam il-pelican lights. Spjega kif huwa u s-Surġent WPS 167 Justine Grech marru fuq il-post fejn ġie stabbilit illi l-persuna imtajjra hija Alfred Formosa u li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC238 kellha windscreen imkisser fuq in-naħa tax-xellug u kellha għafsa fuq il-bonnet fin-naħa tax-xellug ukoll.  Spjega li din il-vettura kienet ġejja mir-roundabout magħrufa bħala Ta' Sare' mid-direzzjoni tal-Marsa lejn il-Fgura. Spjega wkoll li t-triq kienet mudlama u l-pelican lights kienu jidhru mitfija. Spjega li tkellmu mal-imputat is-sewwieq Vincent Cassar fejn huwa spjega li kien għaddej bil-vettura u waqt li kien aħdar il-pelican lights huwa ra persuna bi żvista ha taqsam it-triq u li konsegwenza t'hekk huwa laqtu u waqaf biex jagħtih l-għajnuna. Xehed ukoll li huwa

tkellem ma' Elvin Azzopardi li qal illi kien qiegħed fil-ħanut quddiem il-pelican lights meta ra persuna miexja u f'daqqa waħda semgħa ħoss u beda jgħajjat lix-xufier biex jieqaf.

Kompla jixhed li t-triq baqgħet magħluqa sakemm ġew stabbiliti t-tip ta' ġrieħi li kellu l-parti leża fejn Dr Malcolm Cassar kien informa lil Pulizija illi l-parti leża kellu multiple fractures ġo rasu u kellu wkoll xi head bleeding. In kontro-eżami spjega li d-dwal tal-lights kienu jixgħelu l-kuluri iżda l-ispot lights li kienu jiftgħu d-dawl fit-triq biex juru l-passaġġ minn fejn għandu jaqsam il-pedestrian kienu mitfija. Xehed kif Alfred Formosa instab fuq in-naħa ta' quddiem tal-karozza, fejn din il-karozza kellha daqqiet in-naħa tax-xellug, kellha l-windcreen imxaqqaq fin-naħa tax-xellug u kellha wkoll għafsa fuq il-bonnet fuq in-naħa tax-xellug. Spjega li skont hu Alfred Formosa kien diġa nieżel minn fuq il-bankina, kien se jaqsam min-naħa tal-Marsa għan-naħa ta' Raħal Ġdid, on the left hand side se jaqsam on the right, se jaqsam min-naħa ta' Browns Pharmacy. Spjega li skont hu, il-parti leża kien qiegħed jaqsam mill-ħajt tal-ħabs għan-naħa l-oħra għax id-daqqa kienet on the left tal-vettura u din il-vettura kienet tielgħa lejn Raħal Ġdid. Spjega li l-vittma kienet qiegħda taqsam minn naħa fejn tidher il-persuna f'Dok. JZ3 għan-naħa l-oħra.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed **Alvin Azzopardi** fejn spjega li kien qiegħed jixtri ġewwa ħanut fit-telgħa ta' Raħal Ġdid, ħin minnhom semgħa ħoss u ra persuna mixħuta mal-art. Spjega li huwa ma jiftakarx l-inċident iżda ra l-persuna mixħuta malart. Spjega li din il-persuna ra faċċata tal-ħanut, faċċata il-Browns. Ma jiftakarx jekk raħx miexi qabel l-inċident, jiftakar li raħ mal-art int u sejjer għat-telgħa tal-Għassa tal-Pulizija iżda ma jiftakarx kemm kien il-bogħod mill-bankina. Mistoqsi in kontro-eżami x'kien qiegħed jixtri, spjega li kien qiegħed jixtri xi ħaġa mingħand tal-grocer.

Nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2018) xehed il-parti leża **Alfred Formosa** fejn meta mistoqsi x'jiftakar dwar l-inċident li seħħ fil-wieħed u għoxrin (21) ta'

April tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ġie mtajjar minn vettura ġewwa Paola Hill, Raħal Ġdid spjega li qabel ma qasam it-triq huwa kien ħdejn il-ħanut tal-Kojak, qal illi hemm il-lights u għafas il-buttuna tal-lights. Wara li xegħel aħdar il-lights, il-karozzi waqfu minn fejn kienu nieżlin minn fuq u qasam minn hemm. Spjega li kif wasal fit-triq tan-nofs, fin-naħa tan-nofs kompla jaqsam, kienet tiela' karozza li tgħajritu u sab ruħu mal-art. Spjega li imbagħad ma jiftakarx x'ġara għax tielef il-memorja. Fuq mistoqsija ikkonferma li huwa kien in-naħa tal-Kojak u qasam għan-naħa tal-ħabs. Fuq mistoqsija jekk huwiex ċert jekk id-dawl kienx aħdar, huwa wieġeb iva.

In kontro eżami jgħid li ma jidhirlux li kellu xi ħaġa f'idu. Huwa ma qabilx li kien qiegħed jaqsam min-naħa tal-ħajt tal-habs għan-naħa l-oħra. Spjega li huwa kien nieżel mill-Pjazza, sejjer lejn id-dar ġewwa it-Triq ta' Kordin. Ma jidhirlux li kemm hemm xi dwal mixgħulin fit-triq u rigward it-traffiku, qal li daqqa jkun hemm ħafna, tas-soltu. Qal li dak in-nhar waqfu xi karozzi fejn kien qiegħed jaqsam imbagħad fin-nofs ma jafx x'kien hemm. Qal ma kienx jidhru xi karozza issa jew kien tiela' xi wieħed sparat. Mistoqsi jekk qabadx u qasam, wieġeb li kienu weqfin u meta ssuġġerit lilu li huwa ma ħarisx sew biex qasam u lanqas ma għafas il-buttuna tal-pelican light, huwa ma qabilx u wieġeb li għafasha. Meta ssuġerit lilu li ma qasamx minn fuq il-pelican light huwa wieġeb li jidhirlu li minn hemm qasam.

In ri-eżami, huwa spjega li t-traffiku kien ġej miż-żewġ naħat, kemm minn fuq u anke minn isfel. Spjega li malli xegħelu l-ligħts ħodor huwa qasam għan-naħa tal-għassa.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet l**-Ispettur Justine Grech** fejn spjegat li nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal ħabta tad-disgħa nieqes għaxra ta' filgħaxija (8:50pm) waqt li kienet xogħol l-Għassa ta' Raħal Ġdid hija ġiet infurmata illi kienet ittajret persuna ġewwa t-Telgħet Raħal Ġdid fejn il-pelican lights. Tgħid li marret fuq il-post fejn kien hemm Alfred Formosa illi kien qiegħed mal-art u li ma setgħux jittieħdu dettalji tiegħu peress li kien muġugħ. Qalet li ħadet il-verżjoni tax-xufier, l-imputat li għarfet fl-Awla li kien qiegħed

jagħmel użu minn vettura tat-tip Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni GBC238 u dan meta mitkellem qal li kien tiela minn Telgħet Raħal Ġdid u li kien hemm anzjan li qasamlu f'daqqa meta t-traffic lights kienu għadhom ħodor. Spjegat li miegħu kien hemm il-mara tal-imputat, Violet Cassar. Hija qalet li ċemplet l-Isptar Mater Dei sabiex tiċċekja l-kundizzjonijiet tal-persuna fejn hija tkellmet ma' Dr. Malcolm Cassar li qal li Alfred Formosa kellu ksur fil-partijiet ta' idu, speċifikament f'tlett (3) partijiet t'idu, ksur fil-pelvis u kellu bleeding żgħir f'rasu filwaqt li kien fil-periklu tal-mewt. Għalkemm pruvaw ikellmuh huwa ma setgħax jiġi mitkellem. Qalet li pruvat isegwu lil Alfred Formosa biex jaraw x'ġara, kellmet lil ħu l-parti leża u talbet li tabib ieħor jiprovdi ċertifikat riċenti tal-ġrieħi. Spjegat li ma setgħetx tkellem lil parti leża minħabba l-kundizzjoni li kien fiha. Hija preżentat kopja tar-rapport iffirmat minnha, mmarkat bħala Dokument JG. Ma kinitx taf minn liema naħa kien qiegħed jaqsam u lil parti leża ma ratux fuq il-post. Qalet li dmija ma setgħetx tara peress li kien id-dlam. Ir-rapport a fol 34 jipprovdi li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra (20:50hrs), il-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid irċieviet telefonata illi ttajjar persuna ġewwa Telgħet Raħal Ġdid ħdejn il-pelican lights. Jipprovdi li l-Pulizija marret fuq il-post fejn sabet lil Alfred Formosa detentur tan-numru tal-karta tal-identita' 217353M u residenti ġewwa Blk A, Flat 3, Triq Kordin, Paola illi kien mal-art u ttieħed l-Isptar Mater Dei għal kura. Dettalji tal-karta tal-identita' jew verzjoni ma setgħux jittieħdu peress li l-persuna kien muġugħ. Ir-rapport jipprovdi li l-Pulizija ħadet sketch u ħadet il-verżjoni tax-xufier Vincent Cassar, detentur tal-karta tal-identità 467038M li kien qed jagħmel użu minn vettura tal-għamla Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC238. Huwa stqarr '*Jien Kont tiela minn telghet Rahal Gdid u l-anzjan qasamli f'daqqa minn hdejn il-lights waqt illi traffic lights kienu ghadhom hodor*'. Ir-rapport jaqra li flimkien ma ix-xufier kien hemm ukoll Violet Cassar detentriċi tal-karta tal-identita' 43742M. Ittieħdet verzjoni ukoll ta' persuna fejn ġara l-inċident fejn Alvin Azzopardi detentur tal-karta tal-identitta' 235189M stqarr '*jien kont fil-ħanut faccata u rajt lix-xih miexi u f'daqqa wahda smajt hoss u ghajjat lix-xufier biex jieqaf.*' Ir-rapport jgħid ukoll li wara ftit tal-ħin Alvin Azzopardi ġie u qal li hu dak il-ħin kien fil-ħanut ta' faċċata u kull ma sema

kien il-ħoss tad-daqqa.

Ir-rapport ikompli jgħid li l-pulizija ċemplet l-Isptar Mater Dei fejn tkellmet ma Dr Malcolm Cassar Med. Reġ. No. 2867 fejn infurma lil pulizija illi Alfred Formosa kellu ksur fi tlett partijiet ta' idu ix-xellugija, ksur fil-pelvis, bleeding żgħir f'rasu u li kien fil-periklu tal-mewt. It-tabib stqarr illi pprova jistaqsieħ x'rara u biex jara minn huma il-familjari tiegħu iżda ma taħx informazzjoni li setgħa jifhmu. Il-pulizija ippruvat tiċċekja minn huma il-familjari tiegħu iżda l-anzjan huwa ġuvni u joqgħod waħdu.

Il-Pulizija infurmat lill-Ispettur Jurgen Vella minn naħa tiegħu informa lil Maġistrat Dr. Giovanni Grixti LLD u ġew nominati l-esperti tal-Qorti Vincent Ċiliberti u Joseph Zammit, fuq il-post mar ukoll PS36 fejn ħa r-ritratti meħtieġa.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), xehed **Anthony Formosa** li spjega li huwa ħu l-parti leża. Spjega li dak in-nhar kien iltaqa ma' ħuh u għadu jitkellmu, mexxew sal-Għassa ta' Bormla, ta' Raħal Ġdid. Huwa qal li ħalla lil huh ħdejn l-Għassa ta' Raħal Ġdid, stenna tal-linja u baqa' mal-parti leża sakemm rikeb tal-linja. Spjega li huh ħareġ biex jimxi ftit.  In kontro-eżami kkonferma li l-bus stop in kwistjoni hija dik ta' quddiem l-Għassa ta' Raħal Ġdid.

Nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Stephen Cachia** in rappreżentanza ta' Transport Malta fejn spjega li wara riċerka dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC238, sab li din hija tal-għamla Opel Astra ta' kulur blu reġistrata fuq Vincent Cassar bin-numru tal-karta tal-identita' 467038M li ila reġistrata mill-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (1999). Huwa preżenta d-dokumentazzjoni mmarkata bħala Dok. SC.

Nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Joseph Zammit** fejn kkonferma li ma għandu xejn xi jżid mar-relazzjoni tiegħu.

Rat in-nota preżentata mill-parti leża a fol 43, b'sett ta' ritratti biex juri l-lok ta' fejn seħħ

l-inċident.

Rat in-nota preżentata ukoll mill-parti leża a fol 51 b'sett ta' ritratti meħudha mill-Avukat tiegħu Dr. Kenneth Cutajar flimkien ma' pjanti biex jispjegaw il-punt ta' fejn seħħ l-inċident.

Fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-parte' ċivile ddikjarat li ma għandhiex il-ħtieġa ta' Mr. Thomas Azzopardi;

Nhar il-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-istess seduta xehed l-Espert **Dr Mario Scerri** li kkonferma ir-rapport tiegħu fl-atti tal-Inkjesta. Spjega li dan jirrigwarda inċident tat-traffiku li seħħ Raħal Ġdid fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ġarrab xi ġrieħi Alfred Formosa waqt li kien qiegħed jaqsam it-triq fi Triq Valletta, Paola fejn safa milqgħut minn vettura. Huwa ddaħħal l-Isptar Mater Dei fejn instab li kellu Glasgow coma scale ta' fourteen on fifteen (14/15) jiġifieri kien daqsxejn mitluf minn sensih. Spjega li huwa kellu subarachnoid haemorrhage żgħira, kellu fratturi fuq in-naħa tax-xellug illi kienu kollha fratturi gravi per durata. Huwa kellu jiġi operat għal fratturi li kellu filwaqt li l-kundizzjoni tiegħu baqgħat stabbli, tjiebet u eventwalment dan ġie liċenzjat mill-Isptar Mater Dei. Spjega li il-fratturi kienu kaġun ta' blunt trauma.

Fuq mistoqsija, huwa kkonferma li dawn l-injuries kienu fuq il-xellug tal-persuna u li ma jidhirlux li kien hemm fuq il-lemin. Spjega li meta jkollok impatt fuq pedestrian ikun hemm il-primary u s-secondary injuries. Il-primary impact huwa dak ikkaġunat mill-iktar oġġett li jkun sporġut mill-vettura, l-bumper ġeneralment u għalhekk ikun hemm primary lesions. Spjega li jkollok secondary injuries pereżempju huwa jtir u jaħbat rasu mal-windscreen, jaħbat rasu mal-art u għalhekk kellu dik is-subarachnoid dak huwa secondary impact. Spjega li l-primary dejjem ikun l-ewwel extremities fejn jaqla' l-ewwel daqqa. Spjega li l-probabilta' li l-feriti tax-xellug ġew kollha ikkaġunati mill-impatt tal-vettura.

In kontro eżami spjega li kien hemm frattura tal-cubical rhemus fil-livell tal-karozza li għalhekk huwa l-primary impact. Spjega li jista' jkun secondary għax persuna jista' jtir u jillendja fuq il-warrani tiegħu. Jgħid li jidher illi l-primary impacts huma fl-estremitajiet inferjuri fil-pelvis ġeneralment bħalma hu hawn u dawk jkunu secondary impacts. Primary impact hija l-ewwel daqqa. L-iscreen miksur u l-head injury jkunu secondary impacts. Spjega li l-injuries as a whole għalkemm huma ta' natura gravi m'humiex injuries ta' barra minn hawn. Huwa qal li jista' jikkonkludi kważi biċ-ċert illi l-impatt ma kienx daqstant vjolenti li jikkaġunawlu affarijiet iktar kbar. Għalhekk il-probabilta' hi l-vettura ma kinitx miexja bil-mija. Kienet moving vehicle iżda l-injuries mhumiex kompattibli ma' vettura li kienet miexja b'ċerta veloċita qawwija għax kien jistenna injuries aktar qawwija.  Spjega li persuna li taqa' at his own height ukoll jista' jkollha suborrhein haemorrhage. Spjega li subarachnoid space ġewwa il-brain ħdejn il-ventricle. Spjega li injuries huma per durata peress li jieħdu aktar minn tletin (30) ġurnata biex ifiequ. Ikkonferma li l-ewwel impatt jidher li seħħ bil-vettura għan-naħa tax-xellug.

Nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Vincent Ciliberti** fejn ikkonferma r-rapport a fol 13 tal-procès-verbal Spjega li meta mar fuq il-post kien hemm ix-xufier iżda mir-rapport ma jirriżultax li l-parti leża kienet hemm. Huwa kkonferma li ma setgħax jiġi stabbilit fil-ħin tal-aċċess jekk il-parti leża kinitx qiegħda taqsam miż-zebra crossing jew distanza qasira lil hinn miż-zebra crossing. Huwa spjega li lil hin miz-zebra crossing irid ifisser li tkun qbiztha lejn id-direzzjoni tal-Ħabs. Iddeskrivi lil imputat bħala raġel anzjan, responsabbli u ovjament maħsud għax kien għadu kif tgħajjar persuna. Spjega li l-isketch mar-rapport redatt minnu għamilha huwa, dan inkluż il-qisien li jidhru fl-istess sketch. Spjega li ma jiftakarx jekk id-dawl li jintefa fuq iz-zebra crossing kienx mitfi pero kkonferma li t-traffic lights kienu jiffunzjonaw.

Nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) reġa xehed **Joseph Zammit** fejn kkonferma li huwa kien nominat bħala espert f'inċident tat-traffiku li seħħ ġewwa Paola Hill, Raħal Ġdid fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kkonferma r-rapport redatt minnu fl-atti tal-inkjesta a fol 39 tal-procès-verbal.

Spjega li jiftakar li l-inċident ġara hekk kif taqbeż iż-zebra crossing u li l-brake marks kienu kif taqbeż filwaqt li fejn jispiċċaw il-brakes kien hemm bħal tixrib tat-tkissir tal-karozza tal-parti mkissra. Ikkonferma li mill-punt li jibda l-brake mark ġo wara t-traffic lights huwa l-punt fejn is-sewwieq applika l-brake. Spjega li kien hemm tlett metri u distanza ta' karozza, bejn wieħed u ieħor sitt metri b'kollox. Spjega li huwa saq il-vettura u kkonferma li kienet taħdem 100% inkluż il-brakes u d-dwal kollha. Spjega li kif appena qabeż iż-zebra crossing l-inċident ġara hemmhekk. Bħala veloċita' ikkalkulha li kien bejn tletin (30) jew erbgħin (40) kilometru fis-siegħa. In kontro eżami huwa kkonferma li jiftakar il-borża pastizzi mal-art li kienet f'idejn il-parti leża. Din kienet fin-naħa tal-lemin tal-vettura, quddiem. Ikkonferma li l-veloċita' wasal għaliha skont l-eżami li għamel fuq il-brake marks u l-brakes. Spjega li huwa ċċekja l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-roti bħal sistema tal-isteering, funzjoni tal-brakes kollha u l-funzjoni tad-dawl ukoll peress li l-inċident ġara bil-lejl fit-tard filgħaxija. Spjega li l-frak tal-ħġieġ kienet peress li l-persuna intlaqtet bil-parti ta' quddiem tan-naħa tal-lemin u tkaxkar fuq l-għatu tal-magna fuq il-bonnet u faqa' il-windscreen. Preċiża li bil-kelma 'tkaxkar' ried ifisser li tkaxkar fuq il-bonnet. Qal li żgur li tkaxkar fuq l-għatu tal-magna u faqa' il-windscreen ta' quddiem in-naħa tax-xellug. Fuq mistoqsija jekk tkaxkira tiġi xorta meta l-ispeed ikun baxx ta' tletin (30) jew erbgħin (40) kilometru fis-siegħa, wieġeb li jkun hemm il-momentum tat-tkaxkira. Huwa spjega li nnota li ż-żebgħa fejn ikun hemm iż-żebra kienet imqaxxra totalment bl-għodda u reflector fuqha ma kienx hemm. Spjega li l-lights kienu iktar il-fuq iżda qabel taqbad iż-zebra crossing kienet imqaxra. Spjega li l-inċident seħħ kif taqbeż iż-zebra lines. Jgħid li għadda minn fuq il-parti mqaxxra imbagħad qabad iż-zebra crossing u seħħ l-inċident. Fuq mistoqsija, kkonferma li l-inċident seħħ wara ż-zebra lines.

Rat ix-xhieda reġistrata tal-appellant **Vincent Cassar** mogħtija fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjega li dak in-nhar tal-inċident huwa kien ġej minn Ħal Balzan ħdejn it-tifla triqtu lejn Raħal Ġdid. Kif qabad ir-roundabout ta' Lourdes, it-triq li tagħti għall-Ħabs ġejja għat-telgħa, jgħid li l-green lights kienu jidhru ċertissimi. Huwa

qal li kif qabeż il-lights b'xi metri ra ombra b'ħeffa kbira quddiem il-bonnet, waqqaf il-karozza, ibbrekja u sema ħoss. Huwa inħasad, nieżel u ra persuna minduda mal-art. Jgħid li peress li huwa retired nurse ta' l-għajnuna billi ħadlu l-polz. Jgħid li feġġ raġel minn fuq il-bankina n-naħa tal-left li tiela n-naħa tal-Għassa u qallu l-persuna qasmet minn wara din il-karozza. Qal li kien hemm karozzi ipparkjati fit-triq kollha. Huwa qal li t-triq kienet kollha mitfija minn fejn il-lights sal-kantuniera tal-ħabs bil-fanali kollha mitfija. Sadanittant waslu l-pulizija iżda r-raġel leħaq telaq. Ġiet l-ambulanza u ħadet lil parti leża l-isptar. Qal li kien hemm team tat-trasport li iċċekja l-karozza fejn hu u l-mara telgħu fil-vettura miegħu u beda jagħti brakes. Jgħid li wara marru l-Għassa jagħtu l-istatements u damu sas-sagħtejn ta' filgħodu (2:00am).

Huwa spjega li kien għaddej bejn ħamsa u għoxrin (25) u tnejn u tletin (32) kilometru fis-siegħa. Qal li l-lights dejjem kienu ħodor.

Fil-kontro eżami Vincent Cassar spjega li huwa kien għaddej bl-istess veloċita' sakemm wasal għat-traffic lights.  Mistoqsi jekk qabel ma qorob lejn it-traffic lights ħarisx lejn iż-żewġ naħat tat-traffic lights, wieġeb li ħares dejjem u żgur ħares il-quddiem. Spjega li tan-naħa tal-lemin t-traffic lights kienu jixgħelu anke n-naħa ta' dak ta' quddiem u mhux ta' wara għax jgħid li dak qabiżhom b'ġiex (2) metri. Ikkonferma li quddiemu kien hemm il-viżwali intiera minn tarf sa tarf, it-triq fin-nofs u l-bankini fil-ġnub. Mistoqsi jekk ħares lejn iż-żewġt traffic lights taż-zewġ naħat wieġeb li ħares u kienu ħodor. Qal li persuni ma kienx hemm, ra lil parti leża quddiem il-bonnet x'hin waqaf. Qal li ma rax lil parte ċivile jistenna fuq it-traffic lights. Spjega li huwa waqaf mal-ewwel kif semgħa l-ħoss. Jgħid li ma semgħax leħen jgħidlu biex jieqaf.  In ri-eżami xehed li hu ma rax lil parte ċivile fuq it-traffic lights, jgħid li ma raħx, ma kienx hemm. Qal li raħ x'kien seħħ l-każ, mess mal-bonett quddiem u kważi tar.

Nhar it-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Violet Cassar** volontarjament fejn spjegat li hija mart l-imputat. Spjegat li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal ħabta tad-disgħa neqsin kwart (8:45pm) kienet

fil-karozza ma żewġha sejrin lejn id-dar minn Ħal Balzan lejn Raħal Ġdid. Qalet li hija kienet aljenata tħares la ġenba u semgħet ħoss, daret tiġri għax ħasbet li daħlet karozza fihom minn wara. Qalet li l-lights kienu n-naħa tal-karozzi juru aħdar. Qalet li r-raġel niezel jara kienx hemm bzonn għajnuna. Spjegat li hija kienet bilqiegħda fis-seat ta' quddiem, jiġifieri tal-passiġier. Mistoqsija għala ħasbet li l-ħoss ġej minn wara, wieġbet li peress li kien id-dlam ma rat xejn, kienet qiegħda tħares la ġenba u ma setgħetx tara lil ħadd. Ħasbet li daħlu fihom. Fuq mistoqsija kkonfermat li wara ħarset u rat il-lights ħodor. In kontro eżami kkonfermat li r-raġel waqqaf il-vettura mal-ewwel kif semgħet il-ħoss.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukat Ġenerali u d-difensur tal-appellant.

Ikkunsidrat,

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin (8:50hrs) ġewwa telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid safa mtajjar Alfred Formosa waqt li Vincent Cassar kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC238;

2. Illi Alfred Formosa jgħid li huwa għafas il-buttuna tat-traffic lights u hekk kif dawn daru ħodor huwa pproċeda biex jaqsam fejn f'daqqa waħda safa mtajjar. Konsegwenza ta' dan huwa sofra ġrieħi gravi;

3. Illi l-appellant spjega kif huwa kien qiegħed isuq minn mar-rounabout ta' ħdejn Sare' fil-bidu ta' Telgħet Raħal Ġdid sejjer lejn id-direzzjoni tal-Pjazza ta' Raħal Ġdid b'veloċita' baxxa ta' bejn ħamsa u għoxrin (25) u tnejn u tletin (32) kilometru fis-siegħa;

4. Illi l-appellant jgħid li s-sinjali tat-traffic lights kienu ħodor għal vetturi u li f'daqqa waħda ra' ombra b'ħeffa kbira quddiem il-bonnet u semgħa ħoss;

5. Illi l-parti leża ittieħed b'ambulanza lejn l-Isptar Mater Dei fejn ġie ċċertifikat li sofra feriti ta' natura ġravi.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell hu bbażat fuq l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti senjatament li skont l-appellant il-provi prodotti kif ukoll l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza kwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-fatti in kwistjoni kellhom iwaslu lil Qorti biex tillibera l-appellant. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[19] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**.[20]" ; "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>** [21]"; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer</u>**

---

[19] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar it-12 ta' Mejju 1994.

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar l-14 ta Frar 1989

**Pace**[22]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[23]" u ohrajn).

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**"[24] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991), p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[25], inghad illi :-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament*".

---

[22] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar il-31 ta' Mejju 1991

[23] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal ihar il-31 ta' Mejju 1991

[24] [1969] 1 QB 276

[25] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar l-1 ta' Dicembru 1994.

L-appellant fl-appell tiegħu jissottometti li huwa qatt ma missu nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan fosthom għar-raġuni li skont hu l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza kwotata ampjament mill-Ewwel Qorti għall-kawża odjerna kellha twassal għal konklużjoni li l-appellant jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Għalhekk din il-Qorti sejra teżamina l-insenjament tal-Qrati f'kawżi simili għal dak in eżami u wara tanalizza jekk it-tgħallim ġurisprudenzjali applikati mal-fatti tal-kawża odjerna u l-provi prodotti iwasslux legalment u raġonevolment għal konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza hawn fuq ċitata fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt J. Agius) vs Guzeppi Bilocca'[26]</u>** ġew ikkunsidrati f'ċertu detall l-obbligi tal-pedestrian kif ukoll dawk tas-sewwieqa u dan fil-kawża b'fatti simili għal din in eżami:

'*Illi gie ritenut "in subiecta materia" illi l-"pedestrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid- "driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill- "pedestrian" krejata lid-"driver", bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva.* (ara Appell Kriminali ; "**<u>Il-Pulizija vs. J. Formosa[27]</u>**", F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l- emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. "*meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat*" (App. Kriminali : "**<u>Il- Pulizija vs. J. Thornton[28]</u>**" jew meta "*pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il- bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li*

---

[26] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

[27] Vol. XLIII. P. iv p. 1023

[28] Vol. XLV. p. iv. p. 920

*jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il- karozza.*" (App. Kriminali "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**"[29]).

Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera**[30]". Dan ghaliex f' kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn "*self inflicted incapacity*" effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view*". (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella**[31]" - u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "*a proper lookout*" (Appell Kriminali : "I**l-Pulizija vs. J.M. Laferla**"[32] , Illi fi "**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd**" [33] , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*" (emfasi tal-Qorti)

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali:

---

[29] Vol. XLVI. P.iv. p.765

[30] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar it-13 ta Diembru 1968

[31] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar l-10 ta' Awwissu 1968

[32] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar is-17 ta Guju 1961.

[33] 1968

“**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**”[34] ; “**Il-Pulizija vs. John Polidano** “ [35][; “Il**-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**” [36][ u ohrajn ). Dana ghaliex il-“*contributory negligence”* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru.[37]

Issa f’dan il-kaz l-Ewwel Qorti, ghalkemm ikkonkludiet li l-“*pedestrian*” Joseph Fenech seta' kkontribwixxa ghall-incident bil-mod kif qasam triq principali ftit qabel iz-zebra crossing li tidher fuq il-pjanta u li dan kien nuqqas serju tal-vittma, sabet lill-appellant hati ghax ma rax il-vittma qabel l-incident u minhabba speed eccessiv tal-appellant, li ma kienx indikat ghal sewwieq li kien qed javvicina zebra crossing.

Fil-fehma ta' din il-Qorti sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti li meta l-appellant xehed li ma rax lil vittma Fenech x' imkien fit-triq jew diga' mal-gemb tat-triq 'il quddiem minnu, kemm jekk kien lahaq qasam jew ghadu qed jaqsam minn quddiemu, ma kienx qed jati spjegazzjoni plawsibbli ghal dak li gara, ghaliex kieku kien qed izomm “*a proper lookout”,* zgur li f’xi hin kien jara lil Fenech 'il quddiem minnu, jew mal-gemb tat-triq jew addirittura qed jaqsam minn quddiem il-car tieghu. Ma hemmx dubju f’ mohh din il-Qorti li dan in-nuqqas tieghu li jara sew x’ qed jigri quddiemu kien kawza prossima w determinanti tal- incident.

Lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien rinfaccjat minn xi emergenza subitanea. Fil-kaz in ezami bil-fatt li l-appellant jidher li ma kienx qed izomm “*proper lookout*”, kien pogga ruhu taht dik li tissejjah "*a self inflicted incapacity*" li jirmedja tempestivament ghal xi moviment tal-pedestrian - jekk verament kien hemm - li seta' b' xi mod ikkaguna l-incident. Hu evidenti li biex il-pedestrian, ragel ta' eta' avvanzata w mghobbi b' gabbjun tqil lahaq qasam il-wisgha tat-triq ta' 10.9 metri kollha jew kwazi kollha, bil- fors li kien

---

[34] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar is-16 ta’ Marzu 1961

[35] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminal nhar it-3 ta Novembru 1963

[36] Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131.

[37] Vol. XXXVIII, p.IV. p.883).

ilu fil-karreggjata w allura suppost "in plain view" tal-appellant. Ghalhekk, jekk kif jghid l-appellant, hu kien ghaddej bi speed baxx suppost li rah mil-boghod bizzejjed biex ikun jista' jirrallenta w ihallih jaqsam u b' hekk l-incident kien jigi evitat. Mill-banda l-ohra jekk l-vittma kien diga' lahaq qasam u kien ghaddej mal-gemb tat-triq miexi lejn l-isqaq u l-appellant xorta laqtu hemmhekk ghax ma rahx, forsi ghax resaq xi ftit 'il gewwa meta qabzitu l-karozza l-hamra, xorta wahda jrid jirrispondi ghal-sewqan hazin.

Illi anki jekk kellu jirrizulta li meta beda jaqsam il-vittma kien imprudenti ghax suppost ra l-vettura tal-appellant gejja mil-boghod, wiehed ma jridx jinsa' li proprju ftit piedi boghod minn fejn instab fl-art il-vittma hemm pedestrian crossing fejn il-pedestrian suppost li kellu precedenza. Dan ikompli izid il-grad ta' attenzjoni li suppost kien qed jezercita l-appellant f' dik il-parti tat-triq li maghha kien "*ex admissis*" familjari hafna w fejn kien jaf li kien hemm pedestrian crossing.

Jigi rilevat ukoll li ladarba hadd ma ra l-vittma tintlaqat mhux eskluz li hu kien fil-fatt qasam minn fuq il-pedestrian crossing u fil-hin li intlaqat kien miexi lura lejn l-isqaq mal-gemb tat-triq.'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt D. Zammit) vs Robert Brincat**'[38] ġie kkunsidrat li:

'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[39]" "*ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal- habta.*" u "*Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l- vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni.*" (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef**"[40]. "*Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed*

---

[38] Mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Novembru, 2007 (Appell numru: 298/2007)

[39] Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1217

[40] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminli nhar it-3 ta Dicembru, 1960.

*biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjoni.*" (Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. V. Pavia**")[41]

L-abbli difensur tal-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jinvoka d- difiza tas-"sudden emergency" ghax qed jallega li l- pedestrian qasmet meta d-dawl kien ahdar, haga li pero' lanqas qalha l-appellant lis- Surgent Gerada a tempo vergine. Issa pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera**"[42] .

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Gie ukoll ritenut li : "*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal- pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il- pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**")[43].

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:-

"*Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian* ." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**"[44] ).

---

[41] Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744

[42] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it 13 ta diembru 1968.

[43] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Gunju 1954 - Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859

[44] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Mejju 1955 – Vol XXXIX p iv p 1031.

"*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit- traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza*." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. George Muscat**"[45]

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.*" "*Jekk il- pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid- driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva*." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Formosa**[46]"). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l- emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "*meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Thornton**[47]") jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**"[48]).

Il-**Corte di Cassazione Taljana**, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna

---

[45] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta Mejju 1961 -] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947

[46] Kollez. XLIII, p.iv. p.1023

[47] Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920

[48] Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765

stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:-

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente*."

L-Ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jessica Grima) vs Alan Agius**[49]' fejn f'dik is-sentenza ġie ikkunsidrat li-

*'L-awtur Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "Casi pratici in materia di circolazione stradali" (pagna 51) jghid: "riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio: la strada e` di tutti. Essa e` un bene al qui utensa i cittadini tutti sono ammessi con parità di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parte di co loro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinsiche caratteristiche di velocità e potenza, possono costituire anche solo per questo, un immanente pericolo per la circolazione."*

Dan il-principju kwindi filwaqt illi jirrikonoxxi illi kulhadd ghandu dritt ikun fit-triq min ikun qed isuq però jrid joqghod aktar attent mill-pedestrian minhabba perikolu li tista' tikkawza vettura anki f'mument ta' aljenazzjoni. Kien proprio dan il-hsieb illi wassal lill-ewwel Qorti biex ticcensura lill-appellant ghan-nuqqas ta' proper look out.

L-awtur **Gibb** fil-ktieb tieghu "**Collisions on Land**"[50] jghid: "*If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case*

[49] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju, 2013 (Appell numru: 565/2012)

[50] section 148

*of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist*."

F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il-ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq il-lemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu.

L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza **<u>Said versus Fountain</u>**[51] il-Qorti qalet, "*F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta minn kull responsabiltà lill-awtur tad-danni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza l- mezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti*." [52]. L-istess jinghad fil-kawza **<u>Il-Pulizija versus Mifsud</u>** [53] "*Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam it- triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza*

---

[51] Vol. LXLII, part 1, pagna 15

[52] ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625).

[53] XXXVIII, part 4, pagna 859

*mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l- investiment tal-pedestrian."*

L-Ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joelle Falzon**[54] fejn ġie kkunsidrat li '*Di piu' Farrugia kienet lahhqet qassmet iktar minn nofs it-triq meta giet investita u kwindi l-imputata ma tistax tghid illi hija inhassdet ghax sabitha fuqha inaspettatament. L-imputata tghid illi lanqas biss indunat li kienet laqtet persuna u waqqfet ghax semghet hoss qawwi mal-vettura taghha meta sehh l-impatt.*'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) vs Haden Vella**[55], il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:

'*Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim.* **"Il- Pulizija vs. Emmanuele Grixti**"[56] *u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall- kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l- vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni.* (App.Krim."**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**"[57]. Ghalhekk is-sewqan tal-appellant qabel l- incident kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru.

Ikkunsidrat;

Illi anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam fuq il-pedestrian crossing u wara li emergiet minn wara l-cars ipparkjati, dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill- fatt li fuq il-pedestrian crossing hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-

---

[54] Deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) nhar il-25 ta' Marzu, 2014 (Kawża numru: 752/2011)

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju, 2007 (Appell numru: 220/2007)

[56] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

[57] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta Diembru 1960

agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri**" [16.3.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**"[58] , "**Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud**"[59] u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"*contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo**[60]"). Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian – li din il-Qorti ma ssibx li jirrizulta – dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.'

Fl-istess sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) vs Haden Vella**'[61] , il-Qorti tal-Appell Kriminali analizzat id-differenzi bejn sewqan negliġenti, bla kont u perikoluż:

'Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**[62] 14.3.59 ; **Pul. vs. Wilson**[63], u **Pul. vs. Alfred Vella**[64],) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**[65]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia**[66].). "*Recklessness*" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye* ". (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**[67]). Invece sewqan

---

[58] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1963

[59] Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131

[60] Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883

[61] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju, 2007 (Appell numru: 220/2007)

[62] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Marzu 1959.

[63] Vol. XXXIX p. 1018

[64] Vol. XLIV ; p. 933

[65] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Ottubru 1963.

[66] XXXIX p. 1018

[67] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' April 1963.

negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri**[68] ).

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**"[69] li:-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara wkoll f' dan is-sens* : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[70]" u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** [71]" )

Umbaghad fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**"[72]) gie ritenut li;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non- kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu."* (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia**"[73])

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati *"kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti*

---

[68] Vol. XLIV , p.892

[69] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 1955.

[70] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Amrzu 1959- Kollez. Vol. XLIII p. 1001

[71] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nharl-14 ta' Marzu 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001 p 1016

[72] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Mejju 1953.

[73] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar i- 5 t Marzu 1955 Vol. XXXIX, iv. p.978

*definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

L-abbli difensur tal-akkużat fit-trattazzjoni tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tagħmel referenza fost sentenzi oħra, għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Albert Lia** [74] fejn dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputat mill-akkużi miġjuba kontra tagħhha wara li kkunsidrat il-fatti speċi tal-każ:

'*Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parti leza mhux biss hadet riskju meta ddeciediet li taqsam it-triq traffikuza bil-mod li qasmitha u kif gie ndikat hawn fuq, imma hi naqset li tosserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana stante li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leza naqset milli thares kif hija obbligata li taghmel meta giet biex taqsam it-triq, li l-Qorti tazzarda tghid minhabba x-xita li kienet niezla. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li l-imputat kien qed isuq b'mod tajjeb, meta f'daqqa sab il-parti leza ma' wiccu u gara li gara. Di fatti, bl-imprudenza taghha l- pedestrian kreat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat* (Il-Pulizija vs. J. Formosa, kwotata hawn fuq).'

Illi l-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** ossia il-**Highway Code** tagħmel numru ta' rakkomandazzjonijiet lil pedestrians f'dak li jirrigwarda l-qsim ta' triq:

'22. *L-ewwel sib post bla periklu minn fejn taqsam. Ħafna aħjar li taqsam minn subway, pontijiet għall-passaġġ bil- mixi, islands, zebra (postijiet ta' qsim g[all-pedestrians) jew pelican crossing, jew fejn hemm post minn fejn taqsam taħt il-kontroll ta' uffiċjal tal-pulizija, school cross- ing patrol jew gwardjan tat-traffiku. Inkella agħżel post minfejn tkun tista' tara sew in-naħat kollha. Ipprova evita li taqsam minn bejn vetturi pparkjati u kisriet f'daqqa u l- quċċata ta' telgħat. Mur f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistgħu jarawk sew.*

23. *Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi*

[74] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) nhar il-1 ta' Ġunju, 2015 (Kawża numru: 722/2013)

*[add. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

*24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma't-traffiku qabel ma tarah.*

*25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.*

*26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq – tiġrix, tmurx laġenba. Ibqa' ħares u issemma' għat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-każ li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-każ li jitfaċċa xi traffiku għallarrieda.'*

Il-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** ossia il-**Highway Code** tiprovdi numru ta' rakkomandazzjonijiet lil pedestrians f'dak li jirrigwarda maż-zebra crossing fosthom li:

'38. *It-traffiku jista' jkun jeħtieġ ħafna ħin biex jarak u jieqaf fil-crossing, u meta jkun hemm iż-żliq il-vetturi jkollhom bżonn aktar ħin. Stenna sakemm it-triq tkun bla traffiku, jew li t-traffiku jkun waqaf miż-żewġ direzzjonijiet qabel ma taqsam. Ibqa' ħares fiż-żewġ naħat, u issemma', fil-każ li sewwieq jew passiġġier ma jkunux rawk u jipprovaw jaqilgħu vettura li tkun waqfet.*

*39. Qatt m'għandek tieqaf f'tarf il-bankina ta' pedestrian crossing jekk m'għandekx ħsieb li taqsam.*

*40. Toqgħodx titnikker f'pedestrian crossing iżda aqsam malajr kemm jista' jkun.*

*41. Meta jkun hemm island f'nofs pedestrian crossing, stenna fuq l-istand qabel ma taqsam it-tieni nofs tat-triq – dak hu crossing separat.*

*42. Taqbadx u tinżel fuq il-karreġġata bil-ħsieb li għandek id-dritta meta tkun f'post ta' qsim għal pedestrians. Stenna għal spazju fit-traffiku, b'mod speċjali jekk in-numru ta' pedestrians ikun żgħir u t-traffiku jkun għadu kif twaqqaf ftit qabel.*

*43. Fejn ikun hemm post ta' qsim għal pedestrians (jew subway) jew f'distanza ta' madwar 50*

*metru 'l bogħod minnek, taqsamx it-triq minn x'imkien ieħor.'*

*Dwar pelican crossings, il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ossia il-HighWay Code tipprovdi fost numru ta' rakkomandazzjonijiet oħra li :*

*'47. Meta t-triq tkun traffikuża, it-traffiku fuq il-ġenb tiegħek jista' jkollu jieqaf anke jekk id-dawl għalih ikun aħdar. It-traffiku jista' jibqa' għaddej fuq in-naħa l-oħra tat-triq, għalhekk dejjem agħfas il-buttuna u stenna għas-sinjal biex taqsam.'*

Il-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq** ossia il-**Highway Code** umbagħad jiprovdi għat-tħaris - saħħa tal-pedestrians meta jipprovdi:

'265. *Meta tavviċina POST TA' QSIM GĦALL-PEDESTRIANS kun dejjem lest biex tnaqqas il-veloċità jew tieqaf sabiex tagħti d-dritta lill-pedestrians< dejjem agħtihom id-dritta fuq dawn il-postijiet. Agħmel sinjal lix-xufiera l-oħra dwar il-ħsieb tiegħek li tnaqqas il-veloċità jew li tieqaf. Aħseb aktar kmieni biex tieqaf meta t-triq tkun imxarrba jew għan-niżla.*

*266. TAQBIŻX vettura li tkun waqfet jew naqqset il- veloċità f'POST TA' QSIM GĦALL-PEDESTRIANS.*

*267. F'postijiet ta' qsim għall-pedestrians ikkontrollati minn sinjali tad-dawl jew mill-pulizija, agħti d-dritta lil kwalunkwe pedestrian li jkun għadu qed jaqsam meta jingħata s-sinjal biex issuq.*

*268. Oqgħod attent għal xi pedestrian li jitfaċċa minnufih minn wara vetturi weqfin jew xkiel ieħor. Oqgħod aktar attent dwar dan ħdejn skejjel u bus stops.*

*269. Meta ddur f'għaqda ta' toroq agħti d-dritta lill-pe- destrians li jkunu qed jaqsmu. F'toroq fil-kampanja oqgħod attent għall-pedestrians u agħtihom ħafna wisa' speċjalment f'liwjiet fuq in-naħa tax-xellug.*

*270. Ħafna mill-pedestrians li jisfgħu maqtula jew korruti serjament ikunu jew ta' taħt il-ħmistax-il sena jew 'il fuq minn sittin sena. Tfal żgħar u nies anzjani jistgħu ma jikkalkolawx tajjeb ħafna l-veloċità, u għalhekk, tista' ssibhom fit-triq meta ma tkunx tistennihom. Oqgħod attent għal nies*

*għomja li jista' jkollhom bsaten bojod (bojod b'żewħ faxxi ħomor jirriflettu, jużawhom nies torox/ u għomja), jew ikunu ggwidati minn klieb, u għal nies b'diżabilità jew neqsin mis-saħħa. Ftakar li persuni neqsin mis-smigħ jistgħu ma jisimgħux il-vettura riesqa.'*

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant fl-appell tiegħu jargumenta li l-parti leża qasmet b'mod traskurat, tant li l-parti leża tfaċċa għall-għarrieda quddiem il-karozza tal-appellant u għalhekk l-appellant ma seta' jagħmel xejn biex jevitah. L-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni li waslet għaliha peress li kkunsidrat li l-parti leża qasmet minn naħa tal-ħanut tal-pastizzi għan-naħa l-oħra filwaqt li l-appellant bħal donnu ta' x'jifhem li l-parti leża qasmet minn-naħa l-oħra. Ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti ġiet żgwidata mix-xhieda tal-Espert Vincent E. Ciliberti meta qieset li l-parti leża qasmet minn naħa tal-ħanut tal-pastizzi għan-naħa tal-ħabs u dan peress li l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tal-provi kollha li nġiebu fosthom il-ġrieħi li soffra l-parti leża li mhumiex biss indikattivi iżda anke jikkonfermaw b'ċertezza d-direzzjoni li kien miexi fiha l-parti leża meta ttajjar.

Illi l-appellant ikompli jgħid li għalkemm l-appellant ma insistiex dwar dan, xorta waħda ma jħoss li hija relevanti minn liema naħa kien qiegħed jaqsam il-parti leża, jiġifieri jekk kienx qiegħed jaqsam minn-naħa tal-ħajt tal-ħabs għan-naħa l-oħra fejn hemm il-ħwienet peress li skont l-appellant, il-parti leża qasmet lil hinn mit-traffic lights. Jissottometti li l-punt kardinali f'dawn il-proċeduri hija jekk skont hu n-negliġenza kontributorja li ġiet adoperata mill-parti leża teżonerax jew le lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi l-parti leża fix-xhieda tagħha ta' nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed li '*Kont hdejn il-ħanut tal-Kojak, hemmhekk kien hemm il-lights u l-karozzi ghafast il-buttuna tal-lights*.' Kompla jgħid '*U wara li xeghel ahdar il-lights, il-karozzi waqfu li kienu nezlin minn fuq u qsamt minn hemm. Kif wasalt fit-triq tan-nofs, in-naħa tan-nofs komplejt*

*naqsam jien u kienet tiela' karozza u tghajjritni u sibt ruhi mal-art.'* Meta mistoqsi in kontro eżami '*Jekk nghidlek pero' illi int ma haristx sew biex taqsam u jekk nghidlek li inti m'ghafastx il-buttuna tal-pelican light xi twiegeb?'* Wieġeb: '*Le ghafastha dik.*' Meta mistoqsi '*Jekk nghidlek lanqas biss qsamt minn fuq il-pelican light xi twiegeb? Ahseb daqsxejn.*' Wieġeb '*Jien minn hemm jidhirli li qsamt, mill-pelican lights' Xehed ukoll li 'Malli xeghel l-lights il-hodor qsamt jiena*';

Illi Vincent Ciliberti fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) mistoqsi '*nixtieq naghmel referenza fil-fatt A Fol. Paragrafu tlettax (3), paġna disgha (9) tar-rapport tiegħek fejn inti ghidt li lanqas seta' jigi stabbilit fil-hin tal-aċċess mizmum jekk fil-kaz is-Sur Alfred Formosa kienx qiegħed jaqsam minfuq iz-zebra crossing jew distanza qasira lil hinn miz-zebra crossing.*' Irrisponda '*Hekk hu*' filwaqt li meta mistoqsi jekk '*il-kelma lil hinn miz-zebra crossing inti kont qed tirreferi nassumi ghal wara z-zebra crossing hux hekk?*' Irrispondha '*Tkun qbiztha*'.

Joseph Zammit fir-rapport tiegħu a fol 44 tal-procès-verbal jiprovdi li '*f'dan l-inċident jirriżulta li korra gravi anzjan ta' sittin (60) sena Alfred Formosa li kien qiegħed jaqsam minn fuq din il-pedestrian crossing fejn fuq in-naħa tax-xellug quddiem il-karozza kienu jinsabu mxerdin fit-triq żewġ pastizzi.*' Filwaqt li fix-xhieda tiegħu ta' nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Niftakar illi l-incident gara hekk kif taqbez iz-zebra crossing li hemm qed tifhem.*' Mistoqsi in kontro eżami '*Jigifieri mill-konstatazzjonijiet tieghek l-inċident sehh wara z-zebra lines nghid sew?*' Irrisponda li '*Wara z-zebra lines.*' Filwaqt li fil-konklużjonijiet tiegħu fir-rapport senjatamement f'punt 7 a fol 48 tal-procès-verbal jipprovdi li '*Illi frak tal-ħġieġ tal-windscreen instab imferrex ma' l-art bejn il-vettura u l-pedestrian crossing.*'

L-appellant fix-xhieda tiegħu ta' nhar it-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*kif qbizt il-light b'xi metri rajt ombra b'heffa kbira quddiem il-bonnet, waqaft il-karozza jbrekjajt jigifieri u smajt hoss.' Filwaqt li fix-xhieda li tidher a fol 29 tal-procès-verbal mogħtija minnu quddiem l-espert Vincent Cilibert dak in-nhar tal-inċident xehed li 'meta kont diga qbist iz-zebra crossing, naf li deherli li rajt ombra fuq quddiem tal-vettura, u cioe', smajt hoss mal-body*

*tal-vettura, u mhux cert jekk applikajtx il-brake, għalkemm naħseb li l-breaks applikajthom x'hin rajt l-ombra.'*

Violet Cassar, mart l-appellant fix-xhieda tagħha ta' nhar it-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) tispjega li '*smajt ħoss kont aljenata nħares la ġenba u smajt ħoss, dort niġri għax ħsibt li daħlet karozza fina minn wara, il-lights kienu n-naħa tal-karozzi qed juru aħdar* (…)' Filwaqt li fix-xhieda li tidher a fol 34 tal-procès-verbal mogħtija minnu quddiem l-espert Vincent Cilibert dak in-nhar tal-inċident u għalhekk a tempo vergine xehdet li '*Nghid li qieghda nigi mistoqsija nafx jekk x'hin zewgi saq minn fuq iz-zebra crossing id-dawl x'lewn kien qieghed jixghel, nghid li m'osservajtx*'.

Illi minn dawn l-estratti ta' xhieda jidher li l-maġġor parti tax-xhieda xehdu li l-inċident seħħ hekk kif taqbeż it-traffic lights, filwaqt li l-espert Vincent Ciliberti ma setgħax jikkonstata b'ċertu ċertezza jekk l-parti leża kinitx qiegħda taqsam minn fuq iż-zebra crossing jew lil hin minnha. Fir-relazzjoni tat-Tekniku Vincent E. Ciliberti a fol 13 tal-procès-verbal f'punt numru tlettax (13) jikkonkludi li 'lanqas seta jigi stabbilit fil-hin ta l-access mizmum, jekk fil-fatt is-sur Alfred Formosa kienx qieghed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing, jew distanza qasira l-hinn miz-zebra crossing.' Punt li ħareġ ċar huwa li l-inċident seħħ f'dintorni tat-pelican lights u zebra crossing kif ukoll f'dintorni tal-linji formati minn motif ta' zig-zag u dan kif jidher fir-ritratti li juru brake marks u pastizzi mgħaffġa mal-art, liema ritratti jinsabu fir-relazzjoni tal-espert PS 36 Sergio Azzopardi a fol 70 tal-procès-verbal. Dan anke kif jidher fl-isketch fir-relazzjoni tat-Tekniku Vincent E. Ciliberti a fol 37 tal-procès-verbal li tindika d-dwal tat-triq ta' qabel it-traffic lights li kienu mitfija, fejn kienu l-brake marks u fejn instabet il-vettura in kwistjoni;

Illi mix-xhieda tal-appellant a fol 88 jirriżulta li l-appellant ma naqqasx il-veloċita' tiegħu meta wasal viċin it-traffic lights iżda baqa' għaddej bl-istess velocita' tant li meta mistoqsi '*Jigifieri sakemm wasalt ghat-traffic lights dejjem bl-istess velocita*'' irrisponda '*hekk hu*';

Illi din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li tqis il-verzjoni mogħtija mill-parti leża f'dak li jirrigwarda minn fejn qasam bħala aktar kredibbli, jiġifieri li huwa kien

qiegħed jaqsam min-naħa fejn hemm il-ħanut tal-pastizzi għan-naħa l-oħra. Dan il-fatt ġie kkonfermat mir-rapport dwar l-eżami medikolegali fuq il-persuna tal-parti leża a fol 72 tal- procès-verbal, senjatament a fol 75 u 76 fejn sab li:

*'Illi kien hemm evidenza ta' frattura tal-parti t'isfel (distal end) tal-humerus tax-xellug;*

*Illi kien hemm ukoll evidenza ta' frattura tal-parti t'isfel tar-radius tax-xellug;*

*Illi kien hemm ukoll evidenza ta' frattura tal-pubic ramus tan-naħa tax-xellug u frattura tal-ala tax-xellug tas-sacrum;'*

Illi dak li jidher li l-appellant qiegħed jinvoka bħala difiża tiegħu hija l-'emerġenza subitanea'. Huwa jissottometti li lanqas ma kien in plain view peress li fid-dlam persuna jaf ma tidhirx u li huwa tpoġġa f'sitwazzjoni fejn ma seta' jagħmel xejn biex jevita lil parti leża. Huwa minnu li skont kif jirriżulta mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit a fol 49 tal- procès-verbal f'konklużjoni numru 12 jikkonkludi '*Illi din il-pedestrian crossing għalkemm għandha sett dwal kulurit jaħdem, hija nieqsa minn żebgħa u reflectors mal-art*' filwaqt li skont ir-relazzjoni tat-Tekniku Vincent E. Ciliberti a fol 20 tal- procès-verbal jikkonkludi li '*8. Illi rrżżulta lill-esponenti li f'Telghet ir-Rahal il-Gdid, fid-direzzjoni lejn l-Facilita korrettiva ta Kordin, u cioe' fuq n-naha tar-riha tal-Facilita Korrettiva, kien hemm numru t'arbli ta l-elettriku fuq il-bankina li ma kienux mixghula.*' Iżda jkompli jgħid li '*9. Illi ma dan kollu jirrizulta li t-triq kienet sufficjentement mdawwla.*'

Illi applikati t-tgħallim ġurisprudenzjali għall-fatti tal-kawża odjerna, din il-Qorti hija tal-fehma li raġonevolment u legalment l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li l-appellant kellu plain view quddiemu tant li minkejja li l-inċident seħħ bil-lejl, it-triq li fiha seħħ l-inċident hija waħda twila u mingħajr kurvi. In oltre ma rriżultax li l-parti leża kienet qiegħda taqsam minn kantuniera jew blind spot. Għalkemm l-appellant a tempo vergine meta xehed quddiem it-Tekniku Vincent E. Ciliberti a fol 30 tal-procès-verbal xehed li '*Niftakar li gejt avvicinat minn ragel ta circa hamsin sena, li qalli "dak qasam minn wara l-karozzi"*', ma ttella l-ebda xhud okulari jixhed quddiem l-Ewwel Qorti;

Illi in oltre, kif spjegat aktar il-fuq, il-ġrieħi li soffra jikkonfermaw id-direzzjoni lejn fejn kien qiegħed jaqsam il-parti leża u għalhekk jikkonferma dak li xehed il-parti leża meta jgħid li kien qiegħed jaqsam minn naħa tal-pjazza għan-naħa tal-Ħabs. Din hija ta' ċertu importanza peress li tikkonferma li l-parti leża kienet diġa' qasmet aktar minn nofs ta' triq, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jinduna bil-parti leża u jwaqqaf il-vettura fil-ħin opportun, dan anke jekk kellha tittieħed il-verzjoni tal-appellant li l-inċident ma seħx fuq it-traffic lights.

Illi l-appellant fix-xhieda tiegħu tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) jgħid li '*Kif qbizt il-light b'xi metri rajt ombra b'heffa kbira quddiem il-bonnet, waqqaft il-karozza jbrekjajt jigifieri u smajt hoss. Inhsadt, inzilt u rajt persuna minduda fl-art.*' Dan għalhekk jikkonferma li l-appellant ma kienx qiegħed iżomm dak il-proper look out mistenni minnu. Li kieku kien qiegħed iżomm il-proper look out kieku f'ħin jew ieħor kien jilmaħ lill-parti leża qabel ma kien tard wisq;

Għalhekk kif tajjeb iddeċiediet l-Ewwel Qorti anke li kieku l-parti leża qabdet u qasmet, l-appellant tenut kont tal-viżwali tajba fit-triq in kwistjoni kif spjegat aktar il-fuq ma kien hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jevita l-incident. Dan huwa każ fejn minkejja l-ispeed raġonevoli li bih kien għaddej l-appellant, aljenazzjoni ta' ftit sekondi u għaldaqsant sewqan traskurat u negliġenti waslu għal dan l-inċident.

Għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Għalhekk mhux il-każ illi din il-Qorti tiddisturba din il-konklużjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Inoltre qieghda tikkonfrma dik il-parti ts-sentenza fejn b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl ta'

illum.

Inoltre' qieghda tikkonfrma dik il-parti tas-sentenza fejn bl-applikazzjoni tal-**artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,476.54 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati fl-inkjesta magisterjali. Il-perijou moghti ta' zmien sentejn biex ihallas tali ammont ukoll qed jigi konfermat . F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur